DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-20 ta' Frar 2009

li temenda l-Anness II tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE rigward id-dħul tal-Botswana fil-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet tagħhom li minnhom huma awtorizzati l-importazzjonijiet ta' ċertu laħam frisk lejn il-Komunità

(notifikata taħt id-dokument numru C(2009) 1031)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(2009/151/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2002/99/KE tas-16 ta' Diċembru 2002 li tistabbilixxi r-regoli sanitarji għall-annimali li jiddeterminaw il-produzzjoni, l-ipproċessar, id-distribuzzjoni u l-introduzzjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali u li huma għall-konsum mill-bniedem [1], u b'mod partikolari l-frażi tal-introduzzjoni tal-Artikolu 8, l-ewwel subparagrafu tal-punt (1) tal-Artikolu 8 u l-punt (4) tal-Artikolu 8 tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE tal-21 ta' Diċembru 1976 li tiġbor il-lista ta' pajjiżi terzi jew ta' partijiet minn pajjiżi terzi, u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet tas-saħħa tal-annimali u tas-saħħa pubblika u taċ-ċertifikazzjoni veterinarja, għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom [2] tistabbilixxi l-kundizzjonijiet sanitarji għall-importazzjoni fil-Komunità ta' annimali ħajjin, minbarra l-ekwini, u tal-laħam frisk ta' annimali ta' din ix-xorta, inklużi l-ekwini, imma teskludi l-preparazzjonijiet tal-laħam.

(2) Id-Deċiżjoni 79/542/KEE tistipula li l-importazzjonijiet tal-laħam frisk maħsub għall-konsum mill-bniedem huma permessi biss jekk dan il-laħam ikun ġej minn territorju ta' pajjiż terz jew xi parti minnu mniżżel fil-Parti 1 tal-Anness II ta' din id-Deċiżjoni, u jekk il-laħam frisk jilħaq ir-rekwiżiti stipulati fiċ-ċertifikat veterinarju għal dan il-laħam fi qbil mal-mudelli stipulati fil-Parti 2 ta' dan l-Anness, waqt li jkunu kkunsidrati l-kundizzjonijiet speċifiċi kollha jew il-garanziji supplimentari kollha meħtieġa għal dan il-laħam.

(3) Il-Botswana hija mniżżla fil-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE u tqassmet f'territorji differenti primarjament skont l-istatus tas-saħħa tal-annimali tagħhom. Dawn it-territorji huma awtorizzati li jesportaw il-laħam frisk mingħajr għadam u maturat tal-annimali domestiċi bovini, tan-nagħaġ u tal-mogħoż domestikati, u ta' ċerti annimali mhux domestikati miżmuma fl-irziezet u slavaġ ("laħam frisk") lejn il-Komunità.

(4) Fl-20 ta' Ottubru 2008 kienet issospettata tifqigħa tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer f'razzett fid-distrett ta' Ghanzi li hu fiż-żona ta' kontroll 12 tal-mard veterinarju fil-Botswana. Malli kienet ikkonfermata t-tifqigħa, l-awtorità kompetenti fil-Botswana ssospendiet l-esportazzjonijiet tal-laħam frisk lejn il-Komunità mill-pajjiż kollu.

(5) Minħabba dawn iċ-ċirkostanzi, l-importazzjonijiet ta' laħam frisk lejn il-Komunità miż-żona ta' kontroll 12 tal-mard veterinarju fil-Botswana ma ġiex awtorizzat aktar skont id-Deċiżjoni 79/542/KEE, kif emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/4/KE [3].

(6) Meta jitqies li l-awtorità kompetenti fil-Botswana pprovdiet biżżejjed garanziji dwar il-miżuri li ttieħdu biex it-tixrid tal-marda jiġi kkontrollat li kienu effettivi fl-eliminazzjoni tal-infezzjoni tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer, huwa xieraq li terġa' tiddaħħal iż-żona ta' kontroll 12 tal-mard veterinarju biex b'ħekk jerġgħu jitħallew l-esportazzjonijiet ta' laħam frisk lejn il-Komunità minn dik iż-żona.

(7) Il-Parti 1 tal-Anness II għad-Deċiżjoni 79/542/KEE għandha għalhekk tiġi emendata skont dan.

(8) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

[1] ĠU L 18, 23.1.2003, p. 11.
[2] ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15.
[3] ĠU L 2, 6.1.2009, p. 11.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-Parti 1 tal-Anness II tad-Deċiżjoni 79/542/KEE tinbidel bit-test fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2009.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 20 ta' Frar 2009.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

"PARTI 1

Lista tal-pajjiżi terzi jew partijiet minnhom (*)

Pajjiż	Kodiċi tat-Territorju	Deskrizzjoni tat-territorju	Ċertifikat veterinarju		Kundizzjonijiet speċifiċi	Data tal-għeluq (1)	Data tal-ftuħ (2)
			Mudell(i)	SG			
1	2	3	4	5	6	7	8
AL – L-Albanija	AL-0	Il-pajjiż kollu	—				
AR – L-Arġentina	AR-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	AR-1	Il-Provinċji ta': Buenos Aires, Catamarca, Corrientes (ħlief id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar) Entre Ríos, La Rioja, Mendoza, Misiones, Parti minn Neuquén (minbarra t-territorju inkluż f'AR-4), Parti minn Rio Negro (minbarra t-territorju inkluż f'AR-4), San Juan, San Luis, Santa Fe, Tucuman, Cordoba, La Pampa, Santiago del Estero, Chaco Formosa, Jujuy u Salta, ħlief iż-żona buffer ta' 25 Km mill-fruntiera mal-Bolivja u l-Paragwaj li testendi mid-distrett ta' Santa Catalina fil-Provinċja ta' Jujuy, sad-Distrett ta' Laishi fil-Provinċja ta' Formosa	BOV	A	1		It-18 ta' Marzu 2005
			RUF	A	1		L-1 ta' Diċembru 2007
	AR-2	Chubut, Santa Cruz u Tierra del Fuego	BOV, OVI, RUW, RUF				L-1 ta' Marzu 2002
	AR-3	Corrientes: id-dipartimenti ta' Berón de Astrada, Capital, Empedrado, General Paz, Itati, Mbucuruyá, San Cosme u San Luís del Palmar	BOV RUF	A	1		L-1 ta' Diċembru 2007
	AR-4	Parti minn Río Negro (minbarra: f'Avellaneda, iż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-triq Provinċjali 7 u fil-Lvant tat-triq Provinċjali 250; f'Conesa, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-triq Provinċjali 2;f'El Cuy, iż-żona li tinsab fit-Tramuntana tat-Triq Provinċjali 7 minn fejn taqsam it-Triq Provinċjali 66 sal-fruntiera tad-Dipartiment ta' Avellaneda; u f'San Antonio, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-toroq Provinċjali 250 u 2) Parti minn Neuquén (minbarra fi Confluencia, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-triq Provinċjali 17, u f'Picun Leufú, iż-żona li tinsab fil-Lvant tat-triq Provinċjali 17)	BOV, OVI, RUW, RUF				L-1 ta' Awwissu 2008
AU – L-Awstralja	AU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
BA – Il-Bożnja Ħerzegovina	BA-0	Il-pajjiż kollu	—				
BH – Il-Baħrejn	BH-0	Il-pajjiż kollu	—				

1	2	3	4	5	6	7	8
BR – Il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	BR-1	L-Istat ta' Minas Gerais L-Istat ta' Espírito Santo; L-Istat ta' Goiás; L-Istat ta' Mato Grosso L-Istat ta' Rio Grande Do Sul L-Istat ta' Mato Grosso Do Sul (minbarra minbarra ż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza ta' 15-il km mill-fruntieri esterni fil-muniċipji ta' Porto Mutinho, Caracol, Bela Vista, Antônio João, Ponta Porã, Aral Moreira, Coronel Sapucaia, Paranhos, Sete Quedas, Japora' u Mundo Novo u ż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza fil-muniċipji ta' Corumbá u Ladário).	BOV	A u H	1		L-1 ta' Diċembru 2008
	BR-2	L-Istat ta' Santa Catarina	BOV	A u H	1		fil-31 ta' Jannar 2008.
	BR-3	L-Istati ta' Paraná u São Paulo	BOV	A u H	1		L-1 ta' Awwissu 2008
BW – Il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	BW-1	Iż-żoni ta' kontroll 3c, 4b, 5, 6, 8, 9 u 18 tal-mard veterinarju	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		L-1 ta' Diċembru 2007
	BW-2	Iż-żoni ta' kontroll 10, 11, 13 u 14 tal-mard veterinarju	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		Is-7 ta' Marzu 2002
	BW-3	Iż-żona ta' kontrol 12 tal-mard veterinarju	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1	L-20 ta' Ottubru 2008	L-20 ta' Jannar 2009
BY – Il-Belarus	BY-0	Il-pajjiż kollu	—				
BZ – Il-Beliże	BZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
CA – Il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW RUF, RUW	G			
CH – L-Iżvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	*				
CL – Iċ-Ċilì	CL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF				
CN – Iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	—				
CO – Il-Kolombja	CO-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
CR – Il-Kosta Rika	CR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
CU – Kuba	CU-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				

1	2	3	4	5	6	7	8
DZ – L-Alġerija	DZ-0	Il-pajjiż kollu	—				
ET –L-Etjopja	ET-0	Il-pajjiż kollu	—				
FK – Il-Gżejjer Falkland	FK-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
GL – Greenland	GL-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
GT – Il-Gwatemala	GT-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
HK – Ħong Kong	HK-0	Il-pajjiż kollu	—				
HN – Il-Ħonduras	HN-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
HR – Il-Kroazja	HR-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
IL - L-Iżrael	IL-0	Il-pajjiż kollu	—				
IN – L-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	—				
IS – L-Iżlanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU, RUF, RUW				
KE – Il-Kenja	KE-0	Il-pajjiż kollu	—				
MA – Il-Marokk	MA-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
ME – Il-Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
MG – Il-Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	—				
MK – Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja ([3])	MK-0	Il-pajjiż kollu	OVI, EQU				
MU – Il-Mawrizju	MU-0	Il-pajjiż kollu	—				
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	NA-1	Lejn in-Nofsinhar tal-parametri taż-żona magħluqa li jestendu minn Palgrave Point fil-Punent sa Gam fil-Lvant	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		
NC – Il-Kaledonja l-Ġdida	NC-0	Il-pajjiż kollu	BOV, RUF, RUW				
NI – In-Nikaragwa	NI-0	Il-pajjiż kollu	—				

1	2	3	4	5	6	7	8
NZ – In-New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, RUF, RUW, SUF, SUW				
PA – Il-Panama	PA-0	Il-pajjiż kollu	BOV, EQU				
PY – Il-Paragwaj	PY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
	PY-1	Il-pajjiż kollu minbarra ż-żona maħsuba għal livell għoli ta' sorveljanza ta' 15-il km mill-fruntieri esterni	BOV	A	1		L-1 ta' Awwissu 2008
RS – Is-Serbja [4]	RS-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, EQU				
RU – Il-Federazzjoni Russa	RU-0	Il-pajjiż kollu	—				
	RU-1	RU – Il-Federazzjoni Russa	RUF				
SV- El Salvador	SV-0	Il-pajjiż kollu	—				
SZ – Is-Sważiland	SZ-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	SZ-1	Iż-żona fil-Punent tal-parametri ta' 'linja ħamra' li testendi lejn it-Tramuntana mix-xmara Usutu sal-fruntiera mal-Afrika t'Isfel, fil-Punent ta' Nkalashane,	BOV, RUF, RUW	F	1		
	SZ-2	Iż-żoni veterinarji ta' sorveljanza u tal-kontroll tat-tilqim kontra l-marda tal-ilsien u d-dwiefer, kif ippubblikati bħala Strument Statutorju taħt l-avviż legali numru 51 tal-2001	BOV, RUF, RUW	F	1		L-4 ta' Awwissu 2003
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	—				
TN – It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	—				
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	—				
	TR-1	Il-provinċji ta' Amasya, Ankara, Aydin, Balikesir, Bursa, Cankiri, Corum, Denizli, Izmir, Kastamonu, Kutahya, Manisa, Usak, Yozgat u Kirikkale	EQU				
UA – L-Ukrajna	UA-0	Il-pajjiż kollu	—				
US – L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	BOV, OVI, POR, EQU, SUF, SUW, RUF, RUW	G			
UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	EQU				
			BOV	A	1		L-1 ta' Novembru 2001.
			OVI	A	1		

1	2	3	4	5	6	7	8
ZA – L-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	EQU, EQW				
	ZA-1	Il-pajjiż kollu minbarra: — il-parti taż-żona ta' kontroll tal-marda tal-ilsien u d-dwiefer li tinsab fir-reġjuni veterinarji ta' Mpumalanga u l-provinċji tat-Tramuntana, fid-distrett ta' Ingwavuma tar-reġjun veterinarju ta' Natal u fiż-żona fuq il-fruntiera mal-Botswana fil-Lvant ta' lonġitudni 28°, u — d-distrett ta' Camperdown, fil-provinċja ta' KwaZuluNatal	BOV, OVI, RUF, RUW	F	1		
ZW – Iż-Żimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	—				

(*) Bla ħsara għar-rekwiżiti speċifiċi ta' ċertifikazzjoni pprovduti fi ftehimiet Komunitarji ma' pajjiżi terzi.

([1]) Il-laħam minn annimali maqtula fid-data jew qabel id-data indikata fil-kolonna 7 jista' jiġi importat lejn il-Komunità għal 90 jum minn din id-data. Il-konsenji fuq baħar miftuħ jistgħu jiġu importati lejn il-Komunità jekk jiġu ċċertifikati qabel id-data indikata fil-kolonna 7 għal 40 jum minn din id-data.(NB: l-ebda data fil-kolonna 7 ma tfisser li ma hemmx restrizzjonijiet taż-żmien).

([2]) Il-laħam minn annimali maqtula fid-data jew qabel id-data indikata fil-kolonna 8 biss jista' jiġi importat lejn il-Komunità (l-ebda data fil-kolonna 8 ma tfisser li ma hemmx restrizzjonijiet taż-żmien).

([3]) Dik li kienet ir-Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja; il-kodiċi provviżorju li ma jippreġudikax bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li jkun miftiehem wara l-konklużjoni tan-negozjati li qegħdin iseħħu bħalissa fin-Nazzjonijiet Uniti dwar dan is-suġġett.

([4]) Ma jinkludix il-Kosovo kif definit bir-Riżoluzzjoni 1244 tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti tal-10 ta' Ġunju 1999.

* = Ċertifikati skont il-ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kummerċ fi prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).

— = Ma huwa previst l-ebda ċertifikat u l-importazzjonijiet tal-laħam frisk huma pprojbiti (minbarra dawk l-ispeċji fejn hemm indikat fil-linja għall-pajjiż kollu).

1 = Restrizzjonijiet tal-kategorija
Il-ġewwieni mhuwiex awtorizzat (ħlief, fil-każ tal-ispeċi tal-bovini, id-dijaframma u l-muskoli masseteri)."